# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat

## GĦAXAR LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 28 (laqgħa b'urġenza)

03 ta' Lulju 2026

Il-Kunsilli Lokali Ta' Sannat iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz fi Triq Sannat, Ta' Sannat fis-12.24pm.

PREŻENTI:

Philip Vella – Sindku
Philip Cassar – Viċi Sindku
Frances Galea – Kunsilliera
Franco Bajada - Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI [Skont Ordni Permanenti 14A(3)]:

Kunsilliera Cassar Sultana

ASSENTI

Kunsilliera Cassar Sultana

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Jeanette Grima – Segretarju Eżekuttiv

# AĠENDA 28

28.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

28.2 Kumunikazzjoni mis-Sindku;

28.3 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

28.4 Kumunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv;

28.5 Approvazzjoni tal-*Performance Bonus* tal-Agent Segretarju Eżekuttiv

28.6 Attivitajiet Festa Santa Margerita

28.7 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta tal-laqgħa li jmiss;

## Minuti

Is-Sindku ppresjeda l-laqgħa wara li ntqalet it-talba tal-bidu.

### 28.1 Qari tal-ittri ta’ apoloġiji

28.1.1 Il-kunsilliera Cassar Sultana bagħtet imejl lill-kunsill biex tinforma li mhiex disponibbli biex tkun preżenti llum għal din il-laqgħa minħabba impenn urġenti li ma kellhiex kontroll u għalhekk hija skużata.

### 28.2 Komunikazzjoni mis-Sindku

28.2.1 Is-sindku qal, li qed tissejjaħ din il-laqgħa biex jiġu diskussi l-attivitajiet marbuta mal-festa ta’ Santa Margerita 2026 u t-talbiet ta’ sponsors/għajnuniet li rċieva l-kunsill mill-għaqdiet tar-raħal. Is-sindku rrimarka, li bħala kunsill, bħal kull sena jgħinu kemm jistgħu lill-għaqdiet tar-raħal matul is-sena kollha, fejn f’kull attivita’ prinċipali kull għaqda jingħataw ħames mitt ewro (€500) bħala parteċipazzjoni u servizz mal-kunsill lokali biex jiġu organizzati attivitajiet bħal Wine Festival, Beer Festival etċ. Hekk ikunu wkoll qed jippromovu l-voluntarjat billi jħeġġu persuni biex jagħtu sehem tagħhom fl-għaqdiet tar-raħal speċjalment żgħażagħ u hekk ir-raħal ta’ Sannat se jkompli jkollu attivitajiet u inizzjativi ġodda.

### 28.3 Attivitajiet u talbiet ta’ għajnuna finanzjarja/sponsors – Festa Santa Margerita

28.3.1 Is-segretarju eżekuttiv qalet, li l-kunsill irċieva talba għal għajnuna finanzjarja mill-għaqda żgħażagħ Palmisti, liema talba tammonta għal tliet t’elef erbgħa mija u ħamsa u erbgħin ewro (€3,445) marbuta ma’ filming relatat mal-feature li ser jittella nhar il-Ġimgħa tal-festa. Is-sindku għamilha ċara, u fil-fatt diġa tkellem personalment mal-membri ta’ l-għaqda, li jekk il-kunsill lokali qed jisponsorja dan il-feature jew event, ma jiddaħlux reklami oħra u jkun hemm biss il-logo tal-kunsill.

Is-Sindku qal li kull sena jingħataw assigurazzjonijiet li ma jiddaħħlux logos ta' sponsors oħrajn, iżda sfortunatament dawn xorta waħda qed jidhru.Il-Viċi Sindku ssuġġerixxa li, jekk xi għaqda tkun tixtieq tiġbor sponsors addizzjonali, dawn il-logos ikunu jistgħu jintwerew waqt il-ħin li n-nies tkun qed tinġabar biex tara l-feature. Madankollu, hekk kif tasal il-banda bl-istatwa ta' Santa Margerita, dawn il-logos ta' sponsors oħrajn għandhom jieqfu u jkun hemm blackout ta' minuta. Wara, eżatt qabel ma jibda l-feature, għandu jkun hemm avviż li jindika li l-feature huwa sponsorjat kollu kemm hu mill-Kunsill Lokali ta' Sannat. Is-Sindku reġa' saħaq li l-Kunsill joħroġ ammont sostanzjali ta' fondi u, sfortunatament, mhux dejjem qed jingħata r-rikonoxximent li jixraqlu. Irrimarka li, meta persuna jew entità tagħti donazzjoni, mhux neċessarjament għandu jkun hemm il-ħtieġa li jidher il-logo tagħha fuq l-iskrin. Madankollu, jekk l-Għaqda Żgħażagħ tkun tixtieq tiġbor aktar sponsors mingħand entitajiet kummerċjali, dan ma jkunx ta' problema. F'dan il-każ, iżda, il-Kunsill ma jkunx jista' jipprovdi full funding għall-attività. Il-fondi tal-Kunsill huma fondi pubbliċi u għalhekk il-Kunsill għandu r-responsabbiltà li jiżgura li dawn il-fondi jintużaw b'mod xieraq u jingħata r-rikonoxximent dovut għall-kontribut tiegħu.

28.3.2 Il-kumitat tal-banda Santa Margerita talbu biex il-kunsill ikun jista' jagħti għajnuna finanzjarja ta' sitt mitt ewro (€600) għal-kuncert tal-banda li ser jittella nhar l-Erbgħa 22 ta' Lulju, kif ukoll tmien mitt ewro (€800) għal-marċ tat-tfal li ser ikun is-Sibt 18 ta' Lulju. Is-sindku reġa' enfasizza, li l-banda Santa Margerita għandha tirrikonoxxi l-kunsill lokali u jingħata l-promozzjoni mistħoqqha ta' l-għajnuna li tkun ingħatat. Il-kunsilliera qablu, li l-banda għandha tibda tagħmel promozzjoni tal-marċ tat-tfal li ser ikun sponsorjat mill-kunsill, u hekk il-kunsill jingħata rikonoxximent ta' l-għajnuna li qed tingħata mill-kunsill. Il-kunsill ser jibgħat imejl lill-parroċċa Santa Margerita, biex jinfurmawhom li l-marċ tat-tfal se jkun sponsorjat kollu mill-kunsill lokali, ħalli anki huma fil-komunikazzjoni tagħhom jagħmlu referenza ta' din l-għajnuna.

28.3.3 L-Għaqda tan-Nar 20 ta' Lulju għamlet talba finanzjarja lill-Kunsill sabiex tkopri l-ispejjeż tat-trasport tan-nar għall-ispettaklu "Shades of Flames". Il-Kunsill, imbagħad, ikun jista' jagħmel it-talba tiegħu lid-Dipartiment tal-Kultura sabiex dawn il-fondi jiġu rimborżati. L-Għaqda talbet ukoll lill-Kunsill sabiex iħallas l-ispejjeż marbuta mal-fire engine waqt il-ħruq tan-nar, li jammontaw għal €1,287.33, kif ukoll l-ispejjeż tal-assigurazzjoni għall-ħruq tan-nar, li jammontaw għal €2,678. Bħal kull sena, il-Kunsill ser jipprovdi din l-għajnuna finanzjarja. Fil-ktieb tal-festa maħruġ mill-Għaqda tan-Nar 20 ta' Lulju, ser ikun hemm ringrazzjament speċjali lill-Kunsill Lokali għall-għajnuna mogħtija.

28.3.4 L-għaqda tan-Nar 20 ta' Lulju għamlu talba finanzjarja lill-kunsill ħabba transport tan-nar għax-xow 'Shades of Flames'. Il-kunsill, imbagħad ikun jista' jagħmel ir-request tiegħu mad-dipartiment tal-kultura biex dawn il-flus jiġu *reimbursed*. Talbu wkoll biex il-kunsill iħallas l-ispejjeż

marbutin mal-fire engine waqt il-ħruq tan-nar, li jammonta għal €1,287.33 kif wkoll l-insurance biex jinħaraq in-nar, jiġifieri €2,678. Bħal kull sena, l-kunsill ser jagħti din l-għajnuna finanzjarja, u fil-ktieb tal-festa maħruġ mill-għaqda tan-nar 20 ta' Lulju jkun hemm ringrazzjament speċjali lill-kunsill lokali għal din l-għajnuna.

28.3.5 Dawn huma talbiet li l-kunsill irċieva mill-għaqdiet tar-raħal relatati mal-festa ta' Santa Margerita. Is-sindku fakkar, li nhar it-Tnejn 20 ta' Lulju ser ikun hemm it-tiġrija taż-żwiemel, li għal darba oħra ser tkun sponsorjata mill-Ministeru għal Għawdex. Is-sindku semma ukoll, li ta' interess speċjali li it-tiġrija taż-żwiemel ġiet imsemmija f'wieħed mil-magazines ġo L-Isvezja. Is-sindku talab lil dak l-individwi li għamel referenza għal dan l-artiklu, biex il-kunsill jakkwista koppja ta' dan il-magazine. Billi se taħbat fl-20 ta' Lulju, l-għaqda tan-nar ser jisparaw xi nar ta' l-ajru, u għalhekk il-kunsill ser joqgħod fuq il-pariri tal-veterinarju, biex jaraw jekk ikunx hemm bżonn li titwaqqaf għal xi ħin it-tiġrija taż-żwiemel biex jinħaraq in-nar ta' l-ajru.

28.3.6 Is-segretarju eżekuttiv saqsiet lis-sindku rigward il-permessi tal-*hawkers*. Is-sindku saħaq, li ser iżommu l-istess regolamenti bħal snin preċedenti. Il-kunsillier Bajada enfasizza li dawn il-bejjiegħa irid ikollhom bins biex ikun jista' jintrema l-kaxxi, fliexken etċ. Il-kunsilliera qablu li mal-permess tiġi mħallsa depożitu ta' ħamsin ewro, li ser tintuża bħala kappara biex dawn il-*hawkers* ikollhom il-bins u jħallu nadif wara li jkun spiċċa kollox.

28.3.7 Is-sindku qal, li lbieraħ kien hemm laqgħa mas-supretendent tal-pulizija rigward il-marċ ta' l-aħħar. Is-sindku talab lis-supretendent biex skond il-liġi jitolbu one-time event u l-permess tal-marċ ta' filgħaxija jdum sas-2.00am. Pero, ta' min wieħed isemmi li din il-konċessjoni ta' darba xorta tibqa' suġġettiva għal-approvazzjoni tal-pulizija. Is-sindku saħaq, li fl-opinjoni tiegħu, il-pulizija mhux se tagħti din l-approvazzjoni, peress li ħadu *stand komuni* li l-festi kollha jispiċċaw fis-1.00am. Is-sindku ġibed l-attenzjoni, li xħin jispiċċa l-marċ ta' filgħaxija qed idoqqu siegħa oħra mużika ġewwa l-każin. Għalhekk qed ikun hemm periklu peress li jkun hemm massa kbira ta' nies u minħabba f'hekk qed isir it-talba biex ikomplu siegħa oħra barra sas-2.00am. Din id-deċizjoni li jiefqu sas-1.00am ittieħdet waqt laqgħa li saret bejn il-pulizija u r-rappreżentanti tal-baned, dan għal-fatt li d-discos qed jieħdu preċedenza fuq il-baned. Fil-każ tal-festa ta' Santa Margerita, il-kunsilliera qablu li dan mhux il-każ. Is-sindku qed jissuġerixxi li f'kull festa tiġi applikata *one-time event* u l-permess ikun sas-2.00am, bil-kumitati tal-festa jagħżlu l-ġurnata li jixtiequ huma. Dan is-suġġeriment ser jgħaddieh ukoll lill asst. Kummissjarju u l-kummissarju rispettivament.

Is-sindku fakkar ukoll, li l-permessi maħruġa relatati mat-tiżjin tal-knisja minn barra u l-armar tal-festa, il-kunsill ma' jżommx flus relatati mal-permessi, dan bħala għajnuna addizzjonali li jagħti l-kunsill b'apprezzament lill-għaqdiet tar-raħal. Is-sindku enfasizza, li biex ikun hemm festa suċċess irid ikun hemm sinerġija sħiha bejn il-parroċċa, l-għaqdiet u l-kunsill Lokali. Importanti li l-komunikazzjoni tibqa' b'saħħitha u kulħadd jaħdem id f'id għal ġid ta' kulħadd.

## 28.4 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta tal-laqgħa li jmiss

28.4.1

Il-laqgħa ntemmet fil-12.57pm u ġiet aġġornata. Il-laqgħa li jmiss tal-kunsill ser isir l-Ħamis tletin (30) ta' Lulju. Iż-żewġ laqgħat imsemmija ser jibdew fis-1.00pm.

Konfermati, illum 30 ta' Lulju 2026

| | |
|---|---|
| Iffirmata | Iffirmata |
| Philip Vella | Jeanette Grima |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |